# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA
# SEDE KOSTITUZZJONALI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 30 ta' Jannar 2024**

**Kawża Numru: 2**
**Rikors numru: 748/2021JVC**

**Michael Angelo Briffa (K.I. 523747M); Joseph Briffa (K.I. 987545M); Carmelo Briffa (K.I. 304451M); Maria Concetta mart Robert Doneo (K.I. 265352M) u Tarcisio Briffa (763353M)**

**vs**

**Awtorita' tad-Djar**

**Avukat tal-Istat u**

**Michael Sacco (K.I. 0426737M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti Michael Angelo Briffa et li jaqra kif isegwi:

*i.* 'Illi r-rikorrenti huma proprjetarji tal-fond ***43 gja 33, Triq il-Haddiema, Zurrieq,*** li huma akkwistaw per via di successione mill-eredità tal-mejta ommhom Giuseppa Briffa, li mietet fl-14 ta' Settembru 1988 u li l-wirt taghha ddevolva b'zewg testmenti tal-1 ta' April 1955 u tat-12 ta' Awwissu 1969 t-tnejn fl-atti tan-Nutar Nicola Said, hawn annessi u mmarkati bhala ***"Dokument A"*** u ***"Dokument B"***.

*ii.* Illi hija kienet l-armla ta' Antonio Briffa li mietet fis-16 ta' Mejju 1972.

*iii.* Illi l-proprjeta parafernali ta' Giuseppa armla minn Antonio Briffa gie debitament denunzjat lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni skond denunzja nru. 138/89, li kopja taghha qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala ***"Dokument C"***.

*iv.* Illi l-fond in kwistjoni gie rekwizizzjonat mill-Housing Secretary u allokat lil Michael Sacco skond Ordni ta' Rekwizizzjoni 40058/78 hawn annessa u mmarkata bhala ***"Dokument D"***, bil-kera mizera ta' £m12.00c fis-sena, li oghliet ghal €210.00c

*v.* Illi r-rikorrenti gew affaccjati b'din l-Ordni ta' Rekwizizzjoni b'mod ingust u b'mod abbusiv u wara li l-Awtorita' tad-Djar insistiet u ezigiet li tohrog din l-Ordni ta' Rekwizizzjoni u liema Ordni ta' Rekwizizzjoni tikser id-drittijiet

kostituzzjonali taghhom a tenur ta' l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea, u dan stante illi l-kera li imponewlhom li jircievu ma kienx il-kera tas-suq u lanqas proporzjonali ghad-drittijiet taghhom bhala sidien.

*vi.* Illi l-Gvern arbitrarjament iffissa l-kera pagabbli fis-sena lir-rikorrenti liema somma hija naturalment wahda minima hafna u zgur ma kenitx tirrifletti l-valur kummercjali tal-fond.

*vii.* Illi l-intimati jew min minnhom ghandhom jhallsu d-danni sofferti mir-rikorrenti minhabba dak impost fuqhom b'din ir-rekwizizzjoni li kisret id-drittijiet taghhom kostituzzjonali taghhom kif protetti mill-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea.

*viii.* Illi ghalhekk ghad li huwa minnu li r-rikorrenti baqghu titolarji u proprjetarji tal-fond *de quo*, gie impost fuqhom 'landlord / tenant relationship' u fil-verita' l-agir huwa esporprjazzjoni de facto u dan ikkrea pregudizzju sproporzjonat u eccessiv fuq l-esponenti bi ksur tal-Ewwel Protokol tal-Artikolu Wiehed tal-Konvenzjoni Ewropea kif gia gie stabbilit fil-kawza "**Fleri Soler & Camilleri vs MALTA" deciza fis-26 ta' Dicembru 2006 u "Gerald Montanaro Gauci vs MALTA" deciza fit-30 ta' Awissu 2016.**

*ix.* Illi ghad illi l-istat ghandu margini ta' diskrezzjoni wiesgha biex jassikura abitazzjoni decenti lil min ma jistax ikollu dan

bil-mezzi tieghu stess, huwa ghandu pero` jassigura wkoll li bejn il-mezzi adoperati u l-iskop li jrid jilhaq, ikun hemm proporzjon bejn il-piz li jrid ibati s-sid li fuq il-proprjeta` tieghu tohrog l-ordni ta' rekwizizzjoni u l-interess ghas-socjeta` in generali u li b'din l-ingerenza sid ma jkunx assoggettat ghal disproportionate burden.

*x.* Illi l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem diga kellha okkazjoni tikkummenta f'kazi li rrigwardjaw lil Malta li ghalkemm m'hemmx dubju li l-Istat ghandu dover u allura d-dritt li jintervjeni biex jassikura abitazzjoni decenti lil min ma jistax ikollu dan bil-mezzi tieghu stess, li ndividwu jigi privat mill-uzu liberu tal-proprjeta' ghal hafna snin u fil-frattemp jircievi kera mizera, jammonta ghall-ksur tad-dritt in kwistjoni. Fil-kawza **"Ghigo vs Malta", deciza fis-26 ta' Settembru 2006**, il-Qorti sabet li jezisti l-ksur tad-dritt in kwistjoni ghaliex ir-rikorrenti gie privat mill-proprjeta' tieghu tnejn u ghoxrin (22) sena qabel u kien jircievi hamsa u hamsin (55) Euro fis-sena bhala kera. Fil-sentenza "Fleri Soler et vs Malta", moghtija fl-istess data, l-istess Qorti ukoll sabet li d-dritt fundamentali tar-rikorrenti gie lez u allura qalbet sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta.

*xi.* Illi b'sentenza ohra deciza mill-**Qorti Ewropea ghad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem fis-27 ta' Awwissu 2019, (Application no. 55747/16) fl-ismijiet Portanier vs Malta**, l-imsemmija Qorti ammoniet lill-Qorti Kostituzzjonali Maltija talli qieghda b'mod kontinwu u sistematika tabdika mir-responsabbiltà taghha illi tordna l-izgumbrament tal-inkwilini f'kazijiet simili ghal dak odjern,

meta fl-istess nifs ssib illi hemm lezjoni tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem.

*xii.* Illi sussegwentement, **il-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali), f'kaz simili ghal dak odjern Rikors Nru. 77/2015 fl-ismijiet Joseph Camilleri vs L-Avukat Generali u Sylvia u Dennis konjugi Fenech deciza fit-3 ta' Ottubru 2019** mhux talli iddikjarat li kien hemm lezjoni tal-artikolu 37 ta' Kostituzzjoni u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u b'hekk ordnat illi r-rikorrent jithallas s-somma ta' hmistax-il elf euro (€15,000) bhala kumpens pekunjarju u non-pekunjarju minhabba l-ksur imgarrab minnu talli laqghat it-talba tal-istess rikorrenti biex jigu zgumbrati l-intimati u kwindi jinghata pussess liberu tal-fond lir-rikorrenti u dan entro sena mid-data tas-sentenza bl-obbligu fuq l-intimati li jhallsu lir-rikorrenti kera ta' €300 fix-xahar mis-sentenza sal-eventwali ritorn tal-fond lir-rikorrenti.

*xiii.* Illi fil-kaz *de quo* certament li ma kienx hemm dan il-fair balance jew a reasonable relation of proportionality.

*xiv.* Illi in vista tal-kazistika surreferita, sahansitra dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, certament li ma hemm ebda dubju li din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddeciedi l-kawza odjerna billi ssib illi r-rikorrenti nkisrilhom id-dritt fundamentali taghhom sancit bl-imsemmi Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Ghaldaqstant, ir-rikorrrenti jitlob bil-qima lil din l-Onorabbli Qorti, joghgobha:-

(I) Tiddikjara u tiddeciedi illi minhabba c-cirkostanzi u fatti suesposti u dawk Ii ser jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors u minhabba l-Ordni ta' Rekwizizzjoni 40058/78, kif wkoll minhabba d-disposizzjonijiet tal-Kap. 125 u 69 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Att X tal-2009 tezisti lezjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanciti fl-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea u fl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u li l-effetti ta' tali Ordni ta' Rekwizizzjoni ghadhom sa llum jincidu fuq id-drittijiet patrimonjali, kostituzzjonali u konvenzjonali tar-rikorrenti.

(II) Konsegwentement tiddikjara u tiddeciedi illi l-lokazzjoni tal-fond 43, Triq il-Haddiema, Zurrieq, proprjeta tar-rikorrenti, a favur tal-intimat Michael Sacco (K.I. 0426737M) tilledi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanciti fl-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u b'hekk tordna lill-intimati sabiex fi zmien qasir u perentorju jitterminaw il-lokazzjoni relattiva u jikkancellaw ghall-effetti kollha tal-ligi ir-rekwizizzjoni relattiva, oltre rimedji ohra li din l-Onorabbli Qorti jidhrulha xierqa sabiex tassigura illi r-rikorrenti jigu rrintegrati fil-pussess u godiment shih u reali ta' hwejjighom.

(III) Tiddikjara u Tiddeciedi illi l-intimati jew min minnhom huma responsabbli ghal kumpens u danni sia pekunjarji u non-pekunjarji sofferti mir-rikorrenti

**b'konsegwenza tar-rekwizizzjoni u okkupazzjoni in kwistjoni li ma kkreatx bilanc gust bejn id-drittijiet tas-sidien rikorrenti u dawk ta' l-inkwilini, stante illi l-kera pagabbli lir-rikorrenti ma tirriflettix is-suq u lanqas il-valur lokatizju tal-proprjeta' in kwistjoni.**

**(IV) Tillikwida l-istess kumpens u danni kif sofferti mir-rikorrenti, ai termini tal-Ligi.**

**(V) Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom jhallsu l-istess kumpens u danni hekk likwidati ai termini tal-Ligi, bl-imghax legali sad-data tal-effettiv pagament.**

**Bl-ispejjez, u bl-ingunzjoni tal-intimat minn issa in subizzjoni.'**.

Rat ir-risposta tal-Awtorita' tad-Djar li taqra kif isegwi:

1. 'Illi jekk l-atturi qeghdin jattakkaw l-operat ta' ligi jew ligijiet, l-Awtorita' ma tistax tahti ghal tali legislazzjoni u l-legittimu kontradittur huwa haddiehor. Ghalhekk jekk din kienet kirja kontrollata u protetta bil-ligijiet l-antiki tal-kera, allura l-Awtorita' tad-Djar mhijiex il-legittimu kontradittur;

2. Illi ma jista jkun hemm ebda lezjoni tal-Konvenzjoni qabel ma dina dahlet fis-sehh fl-1987 ghalhekk kull kumpens li jista' jinghata irid jigi meqjus minn dik id-data;

3. Illi ma kien hemm xejn li huwa leziv tad-drittijiet fundamentali fil-hrug tal-Ordni ta' Rekwizizzjoni. Ghalhekk

it-talbiet kif impostati ma jistghux iregu u ghandhom jigu michuda;

4. Illi intant ukoll meta jitqies il-valur tal-fond, attenzjoni trid tinghata ghad-denunzja jew ghad-dikjarazzjoni causa mortis ghax hemm indikat il-valur li taw is-sidien stess ghall-post. Il-periti mahtura mill-Qorti iridu jitilqu minn dak il-valur f'dik is-sena u jaraw kemm setghet apprezzat il-proprjeta' tul iz-zmien. Ma jistax ikun li sid ghal skop ta' taxxa jindika valur mod u ghal skop ta' kumpens jistenna valur mod iehor;

5. Illi jigi rilevat li jekk sa issa kien hemm lezjoni kostituzzjonali minhabba l-kumpens li l-attur qieghed jallega li kien baxx, minn issa l-quddiem dan il-fattur gie korrett bl-emendi li dahlu fis-sehh fl-1 ta' Gunju 2021 bl-Att XXIV tal-2021. Fil-fatt issa bis-sahha ta' dawn l-emendi, l-attur jista' jadixxi l-Bord tal-Kera u jitolbu li l-kera tizdied sa 2% tal-valur tal-post fis-suq miftuh. Ghalhekk it-talba ghall-izgumbrament ma tistax u, jew ma ghandhiex tigi milqughha; ara f'dan is-sens l-Art 11 (5) tal-Kap 125 tal-Ligijiet ta' Malta li jittratta kumpens fil-kaz ta' okkupazzjoni bis-sahha ta' ordnijiet ta' rekwizizzjoni. U la minn issa l-quddiem il-kumpens ser ikun dak xieraq, u la l-Ordni ta' Rekwizizzjoni kienet wahda legali intiza ghal skop ta' akkomodazzjoni socjali, allura t-talba ghall-izgumbrament ma ghandhiex tigi milqughha;

6. Illi drittijiet fundamentali u d-dritt ta' azzjoni ghall-lezjoni ta' drittijiet fundamentali ma jistghux jigu trasferiti la inter vivos u la causa mortis ghaliex dawk huma drittijiet moghtija personalment li min ikun issubixxa l-lezjoni. Dawn id-drittijiet huma extra commercium u mhux

trasferibbli. Kieku drittijiet fundamentali jistghu jigu traferiti inter vivos jew causa mortis, peress li tali drittijiet m'humiex preskrivibbli allura jista' jaghti l-kaz li l-Istat jigi anke imfittex ghall-lezjoni per ezempju ta' arresti illegali li graw il-fuq minn mitt sena ilu;

7. Illi la l-atturi wirtu l-fond allura ma hemm ebda lezjoni li setghu sofrew qabel ma wirtu u dan hekk kif jinghad fis-sentenza deciza quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fit-3 ta' Dicembru 2020 ***Doreen Grima et. Vs Awtorita' tad-Djar et*** **(Rik nru. 167/2019 GM)**;

8. Illi fit-22 ta' Gunju 2021 il-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) iddecidiet hekk fil-kawza ***Erika Gollcher et vs L-Avukat tal-Istat et.*** **(Rik 116/2019 FDP):**

   *"Dwar il-hames eċċezzjoni, ġie eċċepit li r-rikorrenti ma jistgħux jitolbu kumpens għal allegat ksur għal perjodi li setgħu sofrew l-antenati tagħhom.*

   *Il-Qorti tosserva li r-rikorrenti akkwistaw l-imsemmi fond permezz ta' wirt mingħand ommhom defunta Georgette Cauchi. Illi huwa leċitu, li l-Qorti tqis biss il-perjodu ta' żmien minn meta r-rikorrenti akkwistaw it-titolu fuq l-imsemmija proprjeta'.*

   *Għaldaqstant, il-Qorti tilqa' din il-ħames eċċezzjoni tal-Awtorita' tad-Djar."*

9. Illi jekk l-atturi ma kienux is-sidien meta sehhet l-allegata lezjoni kostituzzjonali allura huma ma ghandhom ebda locus standi f'din il-kawza u ghalhekk it-talbiet fir-rikors ma jistghux jigi milqugha. Referenza ssir ghal dak li qalet il-

Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fis-sentenza **Maria Gialanze' vs Carmen Mizzi et. (deciza 02/12/2021; Rik nru. 79/2020):**

*"Biżżejjed jingħad għall-fini ta' din il-kawża li d-drittijiet umani huma kkunsidrati inerenti għall-persuna umana. Min-natura tagħhom huma marbutin mal-persuna tal-vittma. Huma drittijiet personali, u mhux drittijiet in rem. Anke fil-każ li dritt fundamentali jikkonsisti fil-vjolazzjoni tat-tgawdija tal-proprjeta', u l-vittma tkun intitolata għal kumpens,* ***dak il-kumpens huwa marbut mal-persuna tal-vittma u mhux mal-proprjeta'.*** *Jekk il-proprjeta' tiġi ttrasferita lil terza persuna, kemm b'titlu gratuwitu kif ukoll b'titlu oneruż, id-dritt tal-kumpens ma jistax jiġi ttrasferit flimkien mal-proprjeta'."*

l-istess ghalhekk jista' jinghad ghal-propjetajiet li gew akkwistati permezz ta' wirt;

10. Illi ma kien hemm xejn hazin fil-hrug tal-Ordni ta' Rekwizizzjoni u intant anke hawn ma gewx ezawriti r-rimedji ordinarji ghaliex hadd ma pproceda biex tigi sindakata gudizzjarjament id-diskrezzjoni amministrattiva li ttiehdet meta hargu l-ordnijiet;

11. Illi Ordni ta' Rekwizizzjoni ma tledix id-drittijiet kostituzzjonali u hija permessa biex tara' li jkun hemm tqassim gust tal-gid fil-pajjiz. Il-kostituzzjoni taghti id-dritt lill-istat li jillimita d-drittijiet tal-proprjeta' basta jkun hemm proprozjonalita' bejn il-limitazzjoni fuq id-dritt u l-kumpens imhallas;

12. Illi tant ma hemm ebda lezjoni u ebda piz zejjed li kien qed jingarr mill-atturi li din l-azzjoni inbdiet biss hafna snin

wara li kienet harget l-ordni ta' rekwizizzjoni fis-sena 1978 – xejn anqas minn 43 sena wara;

13. Illi jekk kien hemm Ordni ta' Derekwizzjoni ghall-proprjeta' tal-kawza in kwistjoni allura ma' jista' ikun hemm ebda lezjoni ta' dritt kostituzzjonali ghall-anqas minn dakinhar il-quddiem, peress li l-Ordni ta' Rekwizizzjoni lanjat mill-attur ma kintix ghadha tezisti;

14. Illi dan il-punt gie emfasizzat iktar bis-sentenza ta' ***Michael Farrugia vs Avukat tal-Istat et.*** **(Rik. 78/16; deciza 04 ta' Mejju 2021)**. Fil-fatt is-sentenza tghid hekk:

*"36. Fl-ewwel lok, jiġi puntwalizzat, li l-ilment prinċipali tar-rikorrenti huwa dwar il-fatt li l-intimata Ciantar baqgħet tokkupa l-imsemmi fond, abbażi tal-effetti tal-liġi u ċioe' tal-Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta, billi r-relazzjoni bejn is-sid u l-inkwilin f'każijiet bħal dan hija regolata mill-liġi tal-Istat. Għalhekk, il-kontestazzjoni prinċipali da parti tar-rikorrenti mhijiex ir-rekwiżizzjoni per se, maħruġa fl-1975 u mneħħija fl-20 ta' Awwissu 2007. Infatti, ir-rekwiżizzjoni tneħħiet fl-2007, u kif tajjeb sottomess fis-sottomissjonijiet tal-Awtorita' tad-Djar, ir-rikorrenti qatt ma kkontestaw l-ordni ta' rekwiżizzjoni tramite l-mezzi ordinarji provvduti fil-liġi.*

*37. Inoltre', l-intimata Ciantar baqgħet tokkupa u tirrisjedi fil-fond de quo abbażi tal-liġijiet viġenti u mhux abbażi tar-rekwiżizzjoni stante li l-fond ilu derekwiżizzjonat minn Awwissu 2007. Ir-rikorrenti qed jilmentaw minn liġi li qed iċċaħdilhom id-dritt li jieħdu lura l-proprjeta' tagħhom, u li jibqgħu jippreċepixxu kera baxxa.*

*38. Għaldaqstant, għal dan l-ilment żgur m'għandhiex tirrispondi l-Awtorita' tad-Djar. Jiġi ribadit li l-Awtorita' tad-Djar qatt ma kienet vestita b'ebda fakulta' leġislattiva, kwindi ma tistax tiġi tenuta responsabbli għat-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti. In vista tas-suespost, l-Awtorita' tad-Djar qed tiġi dikjarata li mhijiex il-leġisttimu kontradittur. Konsegwentament, qed tiġi liberata mill-osservanza tal-gudizzju."*

15. Illi z-zmien li l-attur jew l-awturi taghhom hallew li jghaddi biex bdew dawn il-proceduri juri li fil-verita' anke huma ma hassewx li kien hemm lezjoni ghax min ihoss lezjoni dwar drittijiet tal-bniedem soltu jagixxi b'mod tempestiv. Ghalhekk dan it-trapass ta' zmien ghandu wkoll jimmilita kontra l-atturi kemm fis-sejbien o meno ta' lezjoni kif ukoll fil-komputazzjoni tal-kumpens li talvolta jaf ikun dovut lilhom;

16. Illi f'kaz li tirrizulta lezjoni tad-dritt fundamentali tal-proprjeta', li kienet u ghadha qed issehh, allura l-Qorti ghandha tiddeciedi dwar il-lezjoni u taghti kumpens ghall-lezjoni sofferta sad-data tal-prezentata tal-kawza jew sal-1 ta' Gunju 2021 (data li fiha dahlet fis-sehh illogic Att XXIV tal-2021) jew liema minnhom tigi l-ewwel, u tieqaf hemm. Il-lezjoni zgur li issa giet indirizzata u ma tistax tkompli bl-introduzzjoni tal-Att XXIV tal-2021;

17. Illi jekk il-fond ikun ghadu okkupat bhala residenza a bazi ta' ordni ta' rekwizizzjoni u jew a bazi ta' kirja li bdiet qabel l-1995 allura s-sid ghandu rimedju iehor li nghata bl-att XXIV tal-2021 fejn hu, permezz ta' rikors quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera jista' sahansitra jitlob zieda fil-kumpens jew fil-kera (skont il-kaz) sa tnejn fil-mija (2%) tal-valur tal-

propjeta'. Ghalhekk kull lezjoni li seta' kien hemm bazata fuq it-thaddim tal-Kap. 158, Kap 69 u Kap 125 tal-Ligijiet ta' Malta ghal dak li jirrigwarda l-okkupazzjoni mill-1 ta' Gunju 2021 il-quddiem issa giet sanata bl-emendi li saru f'dawn il-ligijiet tramite l-Att XXIV tal-2021. Inoltre ghandu jinghad li ghall-kirjiet residenzjali ta' qabel l-1995 is-sidien jistghu anke jitolbu zgumbrament fi zmien sentejn jekk l-inkwilini jkollhom mezzi kif indikati mill-ligi;

18. Illi fuq dawn l-ahhar punti referenza ssir ghas-sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali bl-ismijiet ***Georgina Grima et. Vs Awtorita' tad-Djar et*** **(deciza 01/12/2021; rik nru. 216/19/1)** fejn l-istess Qorti ikkummentat fuq l-okkupazzjoni tal-inkwilina vis-a-vis l-emendi li dahlu fis-sehh b'permezz tal-Att XXIV ta' 2021:

*"Fir-rigward imbagħad tad-dikjarazzjoni li qed tiġi mitluba relattiva għall-Ordni ta' Rekwiżizzjoni mertu ta' dawn il-proċeduri, il-Qorti tirrileva illi fis-sentenza appellata ma saret l-ebda determinazzjoni dwar il-validita' konvenzjonali jew kostituzzjonali tal-emendi tal-2021, għaliex tali determinazzjoni qatt ma ġiet mitluba minn xi ħadd mill-partijiet. Għalhekk il-Qorti tqis li l-ewwel Qorti ma kellhiex tiddikjara li Janice Schembri ma tistax tibqa' tibbenifika mill-protezzjoni tal-Ordni ta' Rekwiżizzjoni in kwistjoni, ġaladarba din id-dikjarazzjoni ġġib fix-xejn l-emendi msemmija minkejja li dawn ma ġewx dikjarati invalidi mill-Qorti. Il-Qorti tosserva li skont l-Artikolu 11(5) tal-Kapitolu 125 tal-Liġijiet ta' Malta kif emendat fl-2021 il-ħlas dovut għall-okkupazzjoni tal-fond jista' jiġi awmentat għall-ammont li ma jeċċedix it-tnejn fil-mija (2%) tal-valur tal-fond liberu u frank fuq is-suq liberu. Dan ifisser li għalkemm fl-imgħoddi din l-Ordni ta' Rekwiżizzjoni kienet leżiva kif*

*korrettement sabet l-ewwel Qorti, illum-il ġurnata bl-emendi introdotti fl-2021, għad irrid jiġi aċċertat jekk din il-leżjoni għadhiex preżenti jew ġietx indirizzata b'mod effikaċi.*

*Għaldaqstant dan l-aggravju qiegħed jiġi milqugħ kif provdut fil-paragrafu preċedenti.*

*Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' in parti l-appell tal-Awtorita' tad-Djar, tħassar l-ordni tal-ewwel Qorti li l-intimata Schembri m'għandhiex tibqa' tgawdi mill-protezzjoni tal-Ordni ta' Rekwiżizzjoni mertu ta' din il-kawża u tiddikjara li din is-sentenza hija bla ħsara għall-applikabilita' tal-emendi li ġew introdotti permezz tal-Att XXIV tal-2021.*

19. Illi fis-sentenza moghtija fit-2 ta' Dicembru 2021 bl-ismijiet ***Simon Mercieca vs Avukat Generali, illum Avukat tal-Istat; Awtorita' tad-Djar; Mary Mugliett,*** il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk ukoll:

*"Tifdal il-kwistjoni jekk il-kerrejja Mugliett tistax tkompli tinqeda biddispożizzjonijiet tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta' Bini ("Kap. 69") kif issa emendata.*

*Ċertament l-emendi mdaħħla fil-Kap. 69 tal-Att XXIV ta-2021 ma jħassrux it-telf li ġarrab l-attur qabel daħlu fis-seħħ, u għalhekk dawk l-emendi ma jolqtux il-likwidazzjoni tad-danni. Min-naħa l-oħra l-ewwel qorti sabet li ddispożizzjonijiet tal-Kap. 69 li jiksru l-jeddijiet tal-attur kienu dawk fis-seħħ meta nfetħet il-kawża, u mhux dawk li daħlu fis-seħħ wara. Barra minn hekk, l-attur ma għandu ebda jedd miksub ta' żgumbrament tal-konvenuta Mugliett, billi l-ewwel qorti, għar-raġunijiet tajba mogħtija fis-sentenza, ma ordnatx l-iżgumbrament. Għalhekk ma*

*hemmx raġuni għala l-konvenuta Mugliett ma għandhiex tinqeda bil-Kap. 69 kif issa emendat.*

*Dik il-parti tas-sentenza li żżomm lill-konvenuta Mugliett milli tinqeda bil-Kap. 69 għandha għalhekk titħassar.*

*Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tipprovdi dwar l-appell billi tirriforma s-sentenza appelllata:*

*i. Tħassarha fejn illikwidat kumpens ta' tmienja u għoxrin elf euro (€28,000) u, minflok, tilliwida d-danni pekunjarji u morali li ġarrab l-attur fis-somma ta' erbatax-il elf, tliet mija u tliet euro (€14,303), u tikkundanna lill-Awtorita' konvenuta tħallas lill-attur id-danni hekk likwidati;*

*ii. Tħassarha fejn iddikjrat illi "tidderiġi lill-intimata Mary Mugliett sabiex ma tibqax tistrieħ fuq id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta" billi s-sejbien illi l-Kap. 69 kien bi ksur tal-jeddijiet tal-attur jolqot id-dispożizzjonijiet ta' dik l-Ordinanza kif kienu qabel l-emendi magħmula bl-Att XXIV ta-2021, u għalhekk il-konvenuta Mugliett ma għandhiex tinżamm milli tinqeda b'dik l-Ordinanza kif issa fis-seħħ."*

20. Illi l-atturi ma sofrew xejn u għalhekk it-talbiet kollha għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż kontra l-atturi.'.

Rat ir-risposta tal-Avukat tal-Istat li taqra kif isegwi:

1. 'Illi fl-ewwel lok, ikun idoneju li r-rikorrenti jindikaw jekk l-ordni ta' rekwizizzjoni fuq il-fond mertu tal-kaz odjerna ghadiex fis-sehh u fil-kaz li din l-ordni m'ghadiex fis-sehh, id-data ta' meta l-fond gie derekwizizzjonat;

2. Illi minn dak ecceppit s'issa jidher illi l-fond in kwistjoni ghadu ma giex derekwizizzjonat. Ir-rikorrenti qeghdin jallegaw biss lezjoni tad-drittijiet fundamentali taghhom kif sanciti fl-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea u fl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u dan b'konsegwenza ta' l-Ordni ta' Rekwizizzjoni numru 40058/78 u qed jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, wara li tittermina l-lokazzjoni relattiva u tikkancella ghall-effetti kollha tal-Ligi r-rekwizizzjoni relattiva, takkorda kumpens u rimedji ohra xierqa. Illi l-ilmenti tar-rikorrenti sa fejn ghandhom x'jaqsmu mal-hrug u maz-zamma ta' xi ordnijiet ta' rekwizizzjoni ma jistghux jigu mressaq kontra l-Avukat tal-Istat u dan ghaliex hija l-Awtorita' tad-Djar li skont l-artikolu 24 tal-Att dwar l-Awtorita' tad-Djar (Kap. 261 tal-Ligijiet ta' Malta) assorbiet l-obbligi li qabel kienu jappartjenu lid-Direttur ghal-Akkomodazzjoni Socjali u qablu lis-Segretarju tad-Djar;

3. Illi fit-tieni lok u wkoll in linea preliminari, ir-rikorrenti ghandu jgib prova li huwa l-proprjetarju tal-fond in kwistjoni;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda in toto peress li huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

5. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, dato ma non concesso li din l-Onorabbli qorti jidhrilha li kien hemm xi ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, fatt li qed jigi kontestat, l-esponent jirrileva li fic-cirkostanzi odjerni, dikjarazzjoni ta' ksur tkun sufficjenti u ma hemmx lok ghar-rimedji ohra mitluba mir-rikorrenti;

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Għaldaqstant fid-dawl ta' dawn ir-raġunijiet l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontra tagħha.'.

Rat ir-risposta ta' Michael Sacco li taqra kif isegwi:

1. 'Illi l-esponenti sa mill-bidu kellu u għad għandu titolu validu skont il-Liġi;

2. Illi l-istess atturi u l-*aventi causa* tagħhom *qua* sidien irrikonoxxew lill-esponenti bħala inkwilin u baqgħu jaċċettaw il-kera mingħandu;

3. Illi matul iż-żmien li l-esponenti kien qed jokkupa b'titolu validu l-proprjeta' in kwistjoni, minbarra l-ħlasijiet li huwa kien qed jagħmel lis-sidien, huwa investa ammont sostanzjali ta' flus fil-proprjeta' tal-atturi, tant illi kkonverta l-fond minn razzett għal fond abitabbli, li naturalment għen fl-akkrexximent tal-valur tal-proprjeta' *de quo,* għall-beneficċju tal-istess atturi;

4. Illi l-esponenti fil-fatt investa ħafna minn ġidu sabiex jemeljora l-fond *de quo* proprju għaliex huwa kellu l-aspettattiva leġittima – ibbażata fuq il-liġijiet viġenti – li ser jibqa' jirrisjedi fil-fond mertu tal-kawża;

5. Illi ċertament li ma huwiex l-esponenti li għandu jwieġeb għat-talbiet tal-atturi u dan stante li l-esponenti ma ppartecipa bl-ebda mod fil-promulgazzjoni tal-liġijiet u fid-

deċiżjoni tal-ħruġ tal-Ordni ta' Rekwiżizzjoni li qiegħed jiġi allegat li saru bi vjolazzjoni tad-drittijiet tas-sidien;

6. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti – li ma għandux proprjeta' alternattiva u ma għandux il-kapaċita' finanzjarja li jakkwista residenza alternattiva – ċertament ma għandux jiġi ppenalizzat meta huwa sempliċiment għamel użu mid-drittijiet leġittimi tiegħu;

7. Illi għalhekk it-talbiet tal-atturi, sa fejn diretti kontra l-esponenti, huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda;

8. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, jekk din l-Onorabbli Qorti ssib ksur kif mitlub, kwalunkwe kundanna għal ħlas ta' danni ma għandhiex tkun diretta lejn l-esponenti, u inoltre l-esponenti ma għandux ibati l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri.'.

Rat l-affidavits, xhieda, testmenti, denunzja, requisition order, ordni ta' derekwizizzjoni, estratt mir-registru elettorali, rinunzji ghall-eredita', ricevuti, certifikat tat-twelid,

Rat illi fil-verbal tat-2 ta' Frar, 2022 ir-rikorrent talab in-nomina ta' Perit Tekniku sabiex jirrelata dwar il-valur lokatizzju tal-fond 43, gia 33, Triq il-Haddiema, Zurrieq mill-11 ta' Awwissu 1987 u kull hames snin sat-18 ta' Novembru, 2021, rat li l-avukati tal-intimati irrimettew ruhhom salv ghall-ispejjez u rat li l-Qorti laqghet it-talba u nnominat lil Perit Mario Cassar;

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku Mario Cassar ipprezentat fl-atti nhar it-30 ta' Marzu, 2022 u mahluf nhar it-28 ta' Ottubru, 2022 a fol. 74 et seq tal-process;

Rat illi fil-verbal datat 7 ta' Frar, 2023 ir-rikors gie differit ghal-lum ghad-decizjoni;

Rat is-sottomissjonijiet fl-atti;

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

**<u>Fatti fil-qosor:</u>**

Illi l-fatti fil-qosor fil-kaz odjern jirrizulta li huma s-segwenti:

1. Illi r-rikorrenti huma l-proprjetarji tal-fond bin-numru 43 gja 33 fi Triq il-Haddiema, Zurrieq liema fond gie ghandhom mill-wirt u successjoni ta' ommhom Giuseppa Briffa li giet nieqsa fl-14 ta' Settembru, 1988.

   Illi l-imsemmija Giuseppa Briffa kienet irregolat il-wirt u successjoni taghha b'zewg testmenti datati 1 ta' April, 1955 u 12 ta' Awwissu, 1969 fl-atti tan-Nutar Nicola Said (fol. 10). Mill-atti jirrizulta li din il-proprjeta' kienet wahda parafernali billi fid-denunzja giet iddikjarata bhala proprjeta' taghha fis-sehem shih (fol. 15). Fid-denunzja hija giet dikjarata bil-mod segwenti:

   '9. No. 33, u 34, Triq il-Haddiema, Zurrieq, liema fond hu rekwizizjonat. L-ahhar kera li thallset kienet ta' LM12 u l-ahhar hlas ta kera sar fil-1978. …'.

2. Illi l-awtrici fit-titolu tar-rikorrenti kienet giet affacjata b'ordni ta' rekwizizzjoni mahruga fil-25 ta' Awwissu, 1978 bin-numru 40058 fuq il-fond in kwistjoni (fol. 56). Sussegwentement fid-29 ta' Mejju, 1979 il-fond in kwistjoni kien gie allokat lill-intimat Michael Sacco bil-kera ta' tnax il-lira (Lm 12) tal-munita l-antika (fol. 58). Mill-atti jirrizulta li d-Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali hareg l-ordni ta' derekwizizzjoni fit-28 ta' Awwissu, 2007 (fol. 60).

3. Illi ghalkemm il-fond kien gie derekwizizzjonat, il-fond xorta baqa' jigi okkupat mill-intimat Sacco b'titolu ta' kera u ghalhekk ir-rikorrenti pprocedew bl-intavolar tal-kawza odjerna fejn talbu li l-Qorti tiddikjara u tiddeciedi li minhabba c-cirkostanzi u fatti esposti minhabba l-Ordni ta' Rekwizizzjoni bin-numru 40058/78, kif ukoll minhabba d-disposizzjonijiet tal-Kap. 125 u l-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Att X tal-2009 tezisti lezjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanciti fl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u fl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-effetti ta' tali ordni ghadhom sallum jinciedu fuq id-drittijiet patrimonjali, kostituzzjonali u konvenzjonali tar-rikorrenti. Talbu wkoll sabiex il-Qorti tiddikjara u tiddeciedi li l-lokazzjoni fuq il-fond mertu tal-kawza odjerna favur l-intimat Sacco tilledi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanciti fl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u b'hekk tordna lill-intimati sabiex fi zmien qasir u perentorju jitterminaw il-lokazzjoni relattiva u jikkancellaw ghall-effetti kollha tal-ligi r-rekwizizzjoni relattiva, oltre rimedji ohra li din l-Qorti jidrilha xierqa sabiex tassigura li r-rikorrenti jigu rintegrati fil-pussess u godiment shih u reali ta' hwejjighom. Talbu wkoll li l-Qorti tiddikjara u tiddeciedi li l-

intimati jew min minnhom huma responsabbli ghal kumpens u danni sia pekunjarji u non pekunjarji sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza tar-rekwizizzjoni u okkupazzjoni in kwistjoni li ma kkreatx bilac gust bejn id-drittijiet tas-sidien rikorrenti u dawk ta' l-inkwilini stante li l-kera pagabbli lir-rikorrenti ma tirriflettix is-suq u lanqas il-valur lokatizzju tal-proprjeta' in kwistjoni. Ir-rikorrenti talbu wkoll sabiex il-Qorti tillikwida l-istess kumpens u danni kif sofferti mir-rikorrenti ai termini tal-Ligi. Finalment talbu sabiex il-Qorti tikkundanna lill-intimat jew min minnhom ihallsu kumpens u danni hekk likwidati ai termini tal-Ligi, bl-imghax legali sad-data tal-effettiv pagament.

**<u>Rapport tal-Perit Tekniku Mario Cassar:</u>**

Illi permezz ta' digriet tat-2 ta' Frar, 2022 a fol. 47 tal-process din il-Qorti nnominat lill-Perit Tekniku Mario Cassar sabiex jivvaluta l-valur lokatizzju tal-fond bin-numru 43, gja 33 fi Triq il-Haddiema, Zurrieq mill-11 ta' Awwissu 1987 u kull 5 snin sat-18 ta' Novembru, 2021.

Ir-rapport tal-Perit Tekniku gie pprezentat fl-atti nhar it-30 ta' Marzu, 2022 a fol. 74 et seq tal-process u gie mahluf nhar it-28 ta' Ottubru 2022. Fir-rapport tieghu l-Perit jaghti deskrizzjoni tal-proprjeta' mmobbli u sussegwentement jghaddi sabiex jaghti l-valutazzjoni tal-proprjeta' u l-valur lokatizzju tal-istess.

Il-Perit Tekniku Mario Cassar jiddikjara li bhala valur prezenti tal-proprjeta' fis-suq liberu u frank huwa dak ta' mitejn u hamsa u ghoxrin elf Ewro (€225,000) u dan wara li ha konsiderazzjoni tal-istat ta' manutenzjoni u l-finitura u l-konfigurazzjoni prezenti li qieghed jigi mikri lill-inkwilin, u l-lok, it-tip u l-kobor tal-fond.

Ikompli billi jghaddi ghal valur lokatizzju tal-fond in kwistjoni mis-sena 1987 sas-sena 2021 billi gie stmat bil-mod segwenti:

| Cit-ref. JVC 848/21 | | | | MEX1) |
|---|---|---|---|---|
| | Central Bank | Market value. | Period | |
| Sena | PPI | Dep @ 7%/annum | 5 years | Rental value @ 3.5% |
| 1987 | 29.1 | 22549 | 22549 | 789 |
| 1988 | 33.2 | 24128 | 22549 | 789 |
| 1989 | 39.2 | 25817 | 22549 | 789 |
| 1990 | 42.4 | 27624 | 22549 | 789 |
| 1991 | 46.9 | 29558 | 22549 | 789 |
| 1992 | 47.7 | 31627 | 31627 | 1107 |
| 1993 | 56.2 | 33840 | 31627 | 1107 |
| 1994 | 67.4 | 36209 | 31627 | 1107 |
| 1995 | 72.2 | 38744 | 31627 | 1107 |
| 1996 | 78.5 | 41456 | 31627 | 1107 |
| 1997 | 85.2 | 44358 | 44358 | 1553 |
| 1998 | 89.4 | 47463 | 44358 | 1553 |
| 1999 | 92.3 | 50785 | 44358 | 1553 |
| 2000 | 100 | 54340 | 44358 | 1553 |
| 2001 | 105.1 | 58144 | 44358 | 1553 |
| 2002 | 114.2 | 62214 | 62214 | 2177 |
| 2003 | 129.3 | 66569 | 62214 | 2177 |
| 2004 | 155.6 | 71229 | 62214 | 2177 |
| 2005 | 170.9 | 76215 | 62214 | 2177 |
| 2006 | 177 | 81550 | 62214 | 2177 |
| 2007 | 178.9 | 87259 | 87259 | 3054 |
| 2008 | 174.1 | 93367 | 87259 | 3054 |
| 2009 | 165.3 | 99903 | 87259 | 3054 |
| 2010 | 167.1 | 106896 | 87259 | 3054 |
| 2011 | 139.3 | 114379 | 87259 | 3054 |
| 2012 | 170.1 | 122385 | 122385 | 4283 |
| 2013 | 173.7 | 130952 | 122385 | 4283 |
| 2014 | 185.7 | 140119 | 122385 | 4283 |
| 2015 | 197.4 | 149927 | 122385 | 4283 |
| 2016 | 219.7 | 160422 | 122385 | 4283 |
| 2017 | 245.6 | 171651 | 171651 | 6008 |
| 2018 | 281.1 | 183667 | 171651 | 6008 |
| 2019 | 298.7 | 196524 | 171651 | 6008 |
| 2020 | 303.6 | 210280 | 171651 | 6008 |
| 2021 | 308 | 225000 | 225000 | 7875 |
| | | | € | 88850 |

Il-Qorti rat ukoll li hadd mill-partijiet ma ressaq domandi in eskussjoni u hadd mill-partijiet ma talab il-hatra ta' periti perizjuri.

**<u>L-ewwel eccezzjoni tal-intimat Avukat tal-Istat:</u>**

Bhala l-ewwel eccezzjoni tieghu l-intimat Avukat tal-Istat eccepixxa li r-rikorrenti ghandhom jindikaw jekk l-ordni ta' rekwizizzjoni fuq il-fond mertu tal-kawza odjern ghadiex fis-sehh u fil-kaz li din l-ordni m'ghadiex fis-sehh, id-data ta' meta l-fond gie rekwizizzjonat.

Illi fil-mori tal-kawza l-intimata Awtorita' tad-Djar ressqet bhala xhud lill-Andrew Xuereb – Senior Officer fis-sezzjoni Legal tal-Awtorita' tad-Djar. Mix-xhieda tal-imsemmi Andrew Xuereb jirrizulta li fit-28 ta' Awwissu, 2007 nharget l-ordni ta' derekwizizzjoni fuq il-fond inkwistjoni u fejn gew notifikati whud mir-rikorrenti (ara ordni ta' derekwizizzjoni a fol. 60 et seq tal-process). Jsegwi li l-ordni ta' rekwizzjoni m'ghadiex fis-sehh b'dan li din l-eccezzjoni giet sorvolata.

**<u>It-tielet eccezzjoni tal-intimat Avukat tal-Istat:</u>**

Permezz tat-tielet eccezzjoni tieghu l-intimat Avukat tal-Istat eccepixxa in linea preliminari li r-rikorrenti ghandu jgib prova li huwa l-proprjetarju tal-fond in kwistjoni.

Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu l-intimat Avukat tal-Istat iddikjara li jirrizultalu li t-titolu tar-rikorrent gie fil-fatt ippruvat skont ma xehed ir-rikorrenti Michael Angelo Briffa permezz tal-affidavit tieghu u d-dokumenti annessi u ghalhekk m'huwiex jinsisti fuq din l-eccezzjoni. Jsegwi ghalhekk li l-Qorti ser tghaddi sabiex tichad din l-eccezzjoni.

**<u>L-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita' tad-Djar u t-tieni eccezzjoni tal-intimat Avukat tal-Istat:</u>**

Illi fl-ewwel eccezzjoni taghha l-Awtorita' tad-Djar eccepiet li jekk ir-rikorrenti qeghdin jattakkaw l-operat ta' ligi jew ligijiet, l-Awtorita' ma tistax tahti ghal tali legislazzjoni u l-legittimu kontradittur huwa haddiehor. Sostniet li ghalhekk jekk din kienet kirja kontrollata u protetta bil-ligijiet l-antiki tal-kera, allura l-Awtorita' tad-Djar mhijiex il-legittimu kontradittur.

L-intimat Avukat tal-Istat ukoll eccepixxa li m'huwiex il-legittimu kontradittur fit-tieni eccezzjoni fejn eccepixxa li l-ilment tar-rikorrenti, safejn ghandhom x'jaqsmu mal-hrug u maz-zamma ta' xi ordnijiet ta' rekwizizzjoni, ma jistghux jigu mressqa kontra l-Avukat tal-Istat u dan ghaliex hija l-Awtorita' tad-Djar li skont l-Artikolu 24 tal-Att dwar l-Awtorita' tad-Djar (Kap. 261 tal-Ligijiet ta' Malta) assorbiet l-obbligi li qabel kienu jappartjenu lid-Direttur ghal-Akkomodazzjoni Socjali u qablu lis-Segretarju tad-Djar.

Illi l-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni kwotata mir-rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom deciza mill-Qorti Kostituzzjonali nhar it-22 ta' Gunju, 2022 fl-ismijiet **Charles Bugeja u Mariel Bugeja -vs- Awtorita' tad-Djar u Doris Mallia** fejn il-Qorti mhux biss varjat id-decizjoni tal-Ewwel Qorti fis-sens li ddikjarat li l-Awtorita' tad-Djar bhala kontradittrici legittima tat-talbiet safejn jolqtu l-ordni ta' rekwizizzjoni, izda ordnat is-sejha fil-kawza tal-Avukat tal-Istat billi huwa jwiegeb ghat-talbiet safejn jolqtu l-validita' tal-ligijiet.

Fil-kaz odjern il-Qorti hija rinfaccjata b'talbiet li jolqtu l-ordni ta' rekwizizzjoni bin-numru 40058/78, kif ukoll talbiet li jolqtu l-validita' tal-ligijiet billi konsegwenza taghhom allegatament tezisti lezjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanciti fl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u fl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. In vista ta' dan, fil-fehma tal-Qorti z-zewg partijiet huma legittimi kontradittturi ghaldaqstant ser tghaddi sabiex tichad dawn iz-zewg eccezzjonijiet.

<u>**Is-sitt eccezzjoni tal-intimata Awtorita' tad-Djar:**</u>

Illi bhala s-sitt eccezzjoni taghha l-intimata Awtorita′ tad-Djar eccepiet illi d-drittijiet fundamentali u d-dritt ta′ azzjoni ghall-lezjoni tad-drittijiet fundamentali ma jistghux jigu trasferiti inter vivos u lanqas causa mortis ghaliex dawk huma drittijiet moghtija personalment lil min ikun issubixxa l-lezjoni. Isostni li dawn id-drittijiet huma extra commercium u mhux trasferibbli. Kieku drittijiet fundamentali jistghu jigu trasferiti inter vivos u causa mortis peress li tali drittijiet m′humiex preskrivibbli allura jista′ jaghti l-kaz li l-Istat jigi anka imfittex ghal-lezjoni per ezempju ta′ arresti illegali li graw il-fuq minn mitt sena ilu.

Illi hija gurisprudenza kostanti li tqis li vittma ta′ lezjoni ta′ drittijiet fundamentali taht l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ghandha dritt li titlob danni mhux biss fiz-zmien li hija kienet proprjetarja tal-fond pero′ anke fiz-zmien tal-ante kawza taghha meta l-proprjeta′ tkun derivanti minn wirt. Infatti nghad fis-sentenza fl-ismijiet **Erica Gollcher et -vs- Avukat tal-Istat et** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali nhar is-26 ta′ Jannar, 2022 illi:

> ‘26. Fir-rigward tal-argument illi d-danni akkordati huma eċċessivi, il-Qorti tibda billi tosserva illi ma taqbilx mal-ewwel Qorti li ż-żmien relevanti beda jiddekorri mill-2001, u ċioe` minn meta l-fond in kwistjoni sar proprjeta` tal-atturi. Jirriżulta li l-atturi akkwistaw dan il-fond bħala l-eredi ta′ ommhom, u għalhekk iż-żmien relevanti m′għandux jiġi ristrett għad-data meta l-atturi saru l-proprjetarji, ġaladarba bħala eredi ta′ ommhom, huma daħlu fiż-żarbun tagħha. Dan ifisser għalhekk li l-ewwel Qorti ma akkordatx kumpens għal numru ta′ snin li għalihom l-atturi kienu ntitolati għal kumpens.′.

L-istess ragunament sar fis-sentenza fl-ismijiet **Carmel sive Charles Sammut et -vs- Maria Stella Dimech** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali nhar is-26 ta' Mejju, 2021 fejn inghad:

> '17. Il-fatt li l-proprjeta` għaddiet għand l-aħwa Sammut wara l-mewt ta' missierhom fit-22 ta' Ottubru 2008 ma jfissirx li għandhom jedd għall-kumpens minn dakinhar biss. Huma werrieta ta' missierhom u bħala tali għandhom jedd ukoll li jippretendu kumpens għall-perjodu meta missierhom kien is-sid.'.

Din il-Qorti taqbel perfettament mal-posizzjoni tal-Qorti Kostituzzjonali ghalhekk ser tghaddi sabiex tichad dawn iz-zewg eccezzjonijiet.

**L-ghaxar, il-hdax u t-tnax il-eccezzjoni tal-intimata Awtorita' tad-Djar:**

L-intimata Awtorita' tad-Djar fl-ghaxar eccezzjoni teccepixxi li ma kien hemm xejn hazin fil-hrug tal-ordni ta' rekwizizzjoni u intant anke hawn ma gewx ezawriti r-rimedji ordinarji ghaliex hadd ma pproceda biex tigi sindakata gudizzjarjament id-diskrezzjoni amministrattiva li ttiehdet meta hargu l-ordnijiet. Fl-eccezzjoni mmarkata bil-punt hdax tkompli tespandi mal-eccezzjoni precedenti billi tghid illi ordni ta' rekwizizzjoni ma tilledix id-drittijiet kostituzzjonali u hija permessa biex tara li jkun hemm tqassim gust tal-gid fil-pajjiz. Izzid i li l-Kostituzzjoni taghti d-dritt lill-Istat li jillimita d-drittijiet tal-proprjeta' basta jkun hemm proporzjonalita' bejn il-limitazzjoni fuq id-dritt u l-kumpens imhallas. Teccepixxi wkoll fit-tnax il-eccezzjoni li tant li m'hemm l-ebda piz zejjed li kien qed jingarr mir-rikorrenti li din l-azzjoni nbdiet biss hafna snin wara li kienet harget l-ordni ta' rekwizizzjoni fis-sena 1978 – xejn anqas minn 43 sena wara.

Illi fejn l-intimata qed taccenna ghar-rimedji ordinarji qieghda taghmel referenza ghall-proceduri ai termini tal-Artikolu 8 tal-Kap. 125 tal-Ligijiet ta' Malta u ghall-Artikolu 12B tal-Kap. 158 tal-Ligijiet ta' Malta. L-Artikolu 8 tal-Kap. 125 tal-Ligijiet ta' Malta jippermetti kontestazzjoni ta' rekwizizzjoni f'cirkostanzi estremi fejn ir-rekwizizzjonat irid juri li bir-rekwizizzjoni ser ibati konsegwenzi horox. Is-sub-artikolu 3 tal-Artikolu 8 jippreciza li kontestazzjoni ta' rekwizizzjoni ghar-raguni li r-rekwizizzjonat jixtieq li jiehu pussess tal-bini ghall-uzu tieghu nnifsu jew ghall-uzu ta' xi hadd tal-familja tieghu ma titqiesx fiha nfisha bhala tbatija ta' konsegwenza harxa. Il-Qorti tosserva li z-zmien wera li ma kienx daqstant facli li tikkontesta ordni ta' rekwizizzjoni. Il-Qorti temmen li din l-ghaxar eccezzjoni tapplika sa meta r-rekwizizzjoni baqghet in vigore.

S'intendi r-rimedji li l-Awtorita' intimata qieghda taghmel referenza ghalihom huma differenti minn dawk mitluba lil din il-Qorti dwar allegat ksur ta' drittijiet fundamentali. Ghalhekk zgur li ma jistax jinghad li r-rikorrenti naqsu milli jezawrixxu ruhhom mir-rimedji ordinarji gjaladarba r-rimedju disponibbli fi ksur ta' drittijiet fundamentali setgha biss isir bil-procedura odjerna.

**<u>Il-hmistax il-eccezzjoni tal-intimata Awtorita' tad-Djar:</u>**

Illi fl-eccezzjoni mmarkata bil-punt numru hmistax (15) l-intimata Awtorita' tad-Djar eccepiet illi z-zmien li r-rikorrenti jew l-awturi taghhom hallew li jghaddi biex bdew dawn il-proceduri juri li fil-verita' anke huma ma hassewx li kien hemm lezjoni ghax min ihoss lezjoni dwar drittijiet tal-bniedem soltu jagixxu b'mod tempestiv. Izzi dilli ghalhekk dan it-trapass ta' zmien ghandu wkoll jimmilita kontra r-rikorrenti kemm fis-sejbien o meno ta'

lezjoni kif ukoll fil-komputazzjoni tal-kumpens li talvolta jaf ikun dovut lilhom.

Fil-fehma tal-Qorti d-dewmien sabiex rikorrenti jipprocedi b'kawza quddiem il-qorti b'kompetenza kostituzzjonali m'ghandux fil-principju jnaqqas mill-gravita' tal-lezjoni u wisq anqas m'ghandu jitqies bhala skuzanti sabiex min hu hati ta' dan il-ksur jibbenefika minn dan il-fatt li l-vittma ma procedietx qabel. Ghalhekk il-Qorti m'hijiex ser tiehu in konsiderazzjoni l-fatt li r-rikorrenti hadu z-zmien sabiex agixxew u ser tghaddi sabiex tichad l-eccezzjoni msemmija.

**Il-hames eccezzjoni tal-intimat Michael Sacco:**

Illi fil-hames eccezzjoni tieghu l-intimat Michael Sacco eccepixxa li certament li m'huwiex huwa li ghandu jwiegeb ghat-talbiet tar-rikorrenti u dan stante li huwa ma' ppartecipa bl-ebda mod fil-promulgazzjoni tal-ligijiet u fid-decizjoni tal-hrug tal-Ordni ta' Rekwizizzjoni li qieghed jigi allegat li saru bi vjolazzjoni tad-drittijiet tas-sidien.

Illi huwa accettat mill-gurisprudenza tal-Qrati taghna li f'kawzi ta' indoli kostituzzjonali huwa l-Istat li ghandu jwiegeb ghall-vjolazzjoni ta' drittijiet fundamentali billi huwa l-Istat li ghandu l-obbligu li jassigura li l-ligijiet ma joholqux zbilanc jew sproporzjon ingust bejn id-drittijiet tal-persuna u l-obbligi tal-Istat.

Il-Qorti Kostituzzjonali fid-decizjoni tas-6 ta' Frar, 2015 fil-kawza fl-ismijiet **Sam Bradshaw et -vs- L-Avukat Generali et** dwar il-kwistjoni ta' legittimu kontradittur trattat ukoll il-kwistjoni ta' kostituzzjonalita' u spejjez f'kawza simili u nghad illi:

'20. Din il-Qorti tosserva li, ghalkemm taqbel mat-tezi li,

ladarba l-kazin agixxa skont il-ligi, allura m'ghandux legalment jirrispondi ghall-inkostituzzjonalita' tal-ligi applikata minnu jew jehel spejjez tal-kawza, izda mill-banda l-ohra, il-proceduri odjerni necessarjament jaffettwaw lill-kazin stante li dan hu parti fir-rapport guridiku li huwa regolat b'ligi li l-kostituzzjonalita' taghha qed tigi attakkata. Ghaldaqstant il-prezenza tieghu f'dawn il-proceduri hija necessarja ghall-finijiet tal-integreta' tal-gudizzju. Il-kazin bhala inkwilin tal-fond ghandu interess guridiku f'din il-kawza peress li l-meritu jikkoncerna lilu direttament. Ghal din ir-raguni huwa ghandu jkun partecipi fil-gudizzju u ghalhekk huma legittimi kuntraditturi. Ghaldaqstant lewwel Qorti kienet korretta meta laqghet it-talba ghas-sejha fil-kawza tal-kazin intimat.'.

Il-Qorti tqis li m'ghandiex xi zzid ma dak li nghad mill-Qorti Kostituzzjonali stante li taqbel mal-istess. Ghaldaqstant fid-dawl ta' dak suespost ser tghaddi sabiex tichad din l-eccezzjoni.

**<u>L-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea:</u>**

Illi l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea jipprovdi illi:

'Kull persuna naturali jew persuna morali għandha dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha. Ħadd ma għandu jiġi ipprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u bla ħsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali.

Iżda d-dispożizzjonijiet ta' qabel ma għandhom bl-ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu

xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjeta' skond l-interess ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni.'.

Illi huma tlieta (3) ir-rekwiziti li ghandhom jigu sodisfatti sabiex interferenza mill-Istat titqies bhala permissibbli, billi jigi analizzat is-segwenti:

i. jekk il-mizura adottata mill-Istat tkunx saret fil-kuntest ta' qafas legali;

ii. jekk l-iskop tal-mizura jilhaqx ghan legittimu; u

iii. jekk il-mizura li tkun ittiehdet zammitx bilanc proporzjonat bejn l-ghan socjali u l-htiega li jigu rispettati d-drittijiet fundamentali tas-sidien.[1]

**i. Jekk il-mizura adottata mill-Istat saritx fil-kuntest ta' qafas legali:**

Illi l-ordni ta' rekwizizzjoni 40058/78 (fol. 56) u s-segwenti kirja furzata insegwitu ghad-derekwizizzjoni tat-28 ta' Awwissu, 2007 (fol. 60) prattikament jistghu jitqiesu bhala mizura mill-Istat mehuda taht qafas legali billi nharget bis-sahha tal-Kap. 125 tal-Ligijiet ta' Malta.

**ii. Jekk l-iskop tal-mizura jilhaqx ghan legittimu:**

Ordnijiet ta' rekwizizzjoni huma intizi sabiex jassiguraw illi kull persuna jkollha akkomodazzjoni xierqa, u cioe' sabiex jipprotegu

---

[1] Ara decizjoni fl-ismijiet **Joseph Darmanin -vs- Avukat Generali et** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali nhar il-31 ta' Mejju, 2019. Ara wkoll Edwards -vs- Malta (QEDB, 24/10/2006) par. 67-68.

nies vulnerabbli minn homelessness u jissalvagwardjaw id-dinjita' ta' inkwilini b'mezzi limitati. Ghalhekk, bhala mizuri mehuda fl-ambitu ta' akkomodazzjoni socjali, ordnijiet ta' rekwizizzjoni bhala regola generali ma jistghux jitqiesu bhala koncedimenti ta' beneficcju privat. Dan jinsab filfatt rikonoxxut fil-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea, fejn gie espressament ikkonfermat illi ordnijiet ta' rekwizizzjoni u kontroll tal-kera kellhom ghan legittimu fl-interess generali ghar-ragunijiet appena msemmija.[2]

**iii. Jekk il-mizura zammitx bilanc proporzjonat bejn l-ghan socjali u l-htiega li jigu rispettati d-drittijiet fundamentali tas-sidien:**

Huwa minnu li l-Istat igawdi minn margini ta' diskrezzjoni wiesgha fejn tidhol legislazzjoni b'ghan socjali bhal ma hi l-akkomodazzjoni socjali. Ghandu ghalhekk jigi ezaminat jekk, l-applikazzjoni fil-kaz konkret ta' ligi li hija maghmula *prima facie* "skond l-interess generali" tivvjolax il-principju tal-proporzjonalita'.

Illi fil-kaz odjern l-valur lokatizzju tal-fond fis-sena 2021 huwa dak ta' €7,875 fis-sena filwaqt li l-kera percepita mir-rikorrenti hija dik ta' €210 fis-sena (ara ricevuta a fol. 72 tal-proces). Huwa evidenti li hemm sproporzjon enormi bejn dak li s-sidien potenzjalment setghu jircievu bhala dhul annwali mill-fond mertu tal-kawza u d-dhul li effettivament kienu qed jippercepixxu minghand l-intimat Sacco.

Ghalhekk il-Qorti ssib li l-ordni ta' rekwizizzjoni u l-kirja furzata fuq ir-rikorrenti u l-antekawza taghhom b'effett tal-ordni ta'

[2] Ara decizjoni fl-ismijiet **Mary Azzopardi pro et noe -vs- Awtorita' tad-Djar et** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali nhar il-31 ta' Awwissu, 2021.

rekwizizzjoni jilledu d-dritt fundamentali tar-rikorrenti kif sancit bl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ghal liema lezjoni hija responsabbli l-intimata Awtorita' tad-Djar ghaliex kienet hi jew l-antekawza taghha li hargu tali ordni u konsegwenza taghha giet imposta kirja furzata tal-intimat Sacco fuq ir-rikorrenti.

**L-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta:**

Illi l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jiddisponi illi:

'(1) **Ebda proprjetà ta' kull xorta li tkun** ma għandu jittieħed pussess tagħha b'mod obbligatorju, **u ebda nteress fi jew dritt fuq proprjetà ta' kull xorta** li tkun ma għandu jiġi miksub b'mod obbligatorju, ħlief meta hemm disposizzjoni ta' liġi applikabbli għal dak it-teħid ta' pussess jew akkwist –

(a) għall-ħlas ta' kumpens xieraq;

(b) li tiżgura lil kull persuna li tippretendi dak il-kumpens dritt ta' aċċess lil qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi sabiex jiġi deċiż l-interess tagħha fi jew dritt fuq il-proprjetà u l-ammont ta' kull kumpens li għalih tista' tkun intitolata, u sabiex tikseb ħlas ta' dak il-kumpens; u

(ċ) li tiżgura lil kull parti fi proċeduri f'dik il-qorti jew tribunal dwar pretensjoni bħal dik dritt ta' appell mid-deċiżjoni tagħha lill-Qorti tal-Appell f'Malta:

Iżda f'każijiet speċjali l-Parlament jista', jekk hekk jidhirlu xieraq li jagħmel fl-interess nazzjonali, b'liġi jistabbilixxi l-

> kriterji li għandhom jitħarsu, magħduda l-fatturi u ċ-ċirkostanzi l-oħra li għandhom jitqiesu, biex jiġi stabbilit il-kumpens li għandu jitħallas dwar proprjetà li jittieħed pussess tagħha jew li tiġi akkwistata b'mod obbligatorju; u f'kull każ bħal dak il-kumpens għandu jiġi iffissat u għandu jitħallas skont hekk.' (enfazi mizjuda mill-Qorti)

Illi gie ritenut mill-Qorti Kostituzzjonali li f'kawza ta' lezjoni ta' drittijiet fundamentali konsegwenza ta' kirja forzata b'effett ta' ordni ta' rekwizizzjoni l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta m'huwiex applikabbli billi l-Kap. 125 tal-Ligijiet ta' Malta gie promulgat ferm qabel is-sena 1962 u ghalhekk l-operazzjoni ta' dan il-kapitolu hija protetta mill-Artikolu 47 (9) tal-Kostituzzjoni. Ir-rikorrenti wkoll ma ndikaw l-ebda wahda mill-emendi li gew promulgati tul is-snin li taqa' taht xi wiehed mill-paragrafi (a) sa (d) tas-sub-artikolu 9. Ghaldaqstant il-Qorti tqis li l-Artikolu 37 m'huwiex applikabbli.

**<u>Rimedji:</u>**

Illi r-rikorrenti Michael Angelo Briffa et fit-talbiet taghhom, oltre dikjarazzjoni ta' lezjoni tad-drittijiet fundamentali taghhom, jitolbu wkoll li jigi likwidat kumpens u danni pekunjarji u non pekunjarji ai termini tal-ligi.

L-intimat Avukat tal-Istat fil-hames eccezzjoni tieghu eccepixxa li *dato ma non concesso* li din il-Qorti jidhrilha li kien hemm xi ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, fatt li qed jigi kontestat, huwa rrileva li fic-cirkostanzi, dikjarazzjoni ta' ksur tkun sufficjenti u ma hemmx lok ghar-rimedji ohra mitluba mir-rikorrenti. Il-Qorti temmen li dikjarazzjoni ta' ksur minghajr kumpens u danni m'hijiex sufficjenti u dan fid-dawl tar-rapport

tal-Perit Tekniku Mario Cassar fejn irrizulta li r-rikorrenti tul is-snin garrbu telf pekunjarju konsiderevoli.

**<u>Kumpens:</u>**

Illi l-Qorti ser tikkunsidra ghall-finijiet ta' likwidazzjoni tad-danni pekunjarji l-perijodu mis-sena 1987 billi kif irrizulta l-ilment huwa biss applikabbli fit-termini tal-Konvenzjoni Ewropea sas-sena 2021 sa meta gew introdotti emendi godda fil-ligi bl-Att XXIV tal-2021.

A propozitu l-kumpens gie ritenut fid-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Professur Ian Refalo nomine -vs- Nicholas Ciantar et** deciza fl-4 ta' Mejju, 2022 illi:

> 'Il-Qorti tirrileva li llum-il ġurnata l-likwidazzjoni tal-kumpens dovut f'dawn it-tip ta' każijiet isegwi l-kriterji ta' komputazzjoni stabbiliti fis-sentenza tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Cauchi v. Malta** (QEDB, 25/03/2021). F'din is-sentenza ġie spjegat, in suċċint, illi sabiex jiġi likwidat kumpens xieraq għandu jsir tnaqqis ta' ċirka 30% mis-somma li kienet tkun perċepibbli mill-attur fuq is-suq liberu minħabba l-għan leġittimu tal-liġi mpunjata, u tnaqqis ieħor ta' 20% fuq is-somma riżultanti sabiex jittieħed kont tal-inċertezza illi l-attur kien jirnexxilu jżomm il-proprjeta` mikrija tul iż-żmien relevanti kollu għall-prezzijiet indikati mill-perit tekniku. Mis-somma riżultanti għandha mbagħad titnaqqas il-kera perċepita mill-attur, jew il-kera li kienet perċepibbli skont il-liġi.'.

Kera dovuta mis-sena 1987 sas-sena 2021 skont ir-rapport peritali tal-Perit Cassar tammonta komplessivament ghal €91,866.50.

Il-kera percepita mis-sena 1987 sas-sena 2021 qed tigi kalkolata ghas-somma komplessiva ta' €2,890.03.

€91,866.50 - €2,890.03 = €88,976.47

Il-Qorti tqis li, in linea mal-gurisprudenza suesposta, ghandha titnaqqas somma ulterjuri ekwivalenti ghal 30% u wkoll persentagg ulterjuri ta' 20% stante li kif inghad fil-gurisprudenza suesposta mhux neccessarjament il-proprjeta' in kwistjoni kienet ser tinkera tul il-perjodu kollu li kieku kienet libera sabiex tinkera:

€88,976.47 – 30%= €62,283.53 – 20% = €49,826.82

**<u>Ammont ta' kumpens</u>**: disgha u erbghin elf tmien mija sitta u ghoxrin Ewro u tnejn u tmenin centezmu (€49,826.82).

Illi in kwantu ghad-danni non pekunjarji l-Qorti tqis li d-diskrezzjoni dwar il-quantum tal-kumpens moghti tibqa dejjem f'idejn il-Qrati taghna. Rat ukoll id-decizjoni fl-ismijiet **Henry Deguara Caruana Gatt et -vs- Avukat Generali et** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Novembru, 2020 fejn il-Qorti qieset li l-ammont ta' €500 ghal kull sena illi l-parti li tkun sofriet ksur tad-drittijiet fondamentali taghha hija korretta kkunsidrat li ssegwi l-prassi tal-Qrati Maltin u l-Qorti Ewropea fuq dan il-punt. Ghaldaqstant in vista wkoll tas-somma gja likwidata f'danni suesposta li hija ferm anqas minn dik koncernata fid-decizjoni kkwotata l-Qorti tqis li kumpens ghal danni mhux pekunjarji ta' hames 'telef Ewro (€5,000) huwa wiehed idoneu u gust fic-cirkustanzi.

Illi dwar it-talba ghat-terminazzjoni tal-kirja l-Qorti tqis li mihiex il-Qorti kompetenti sabiex tiddeciedi l-istess stante li r-rikorrenti ghandhom llum mezzi ordinarji fejn jistghu adegwatament iressqu din it-talba.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' w'tiddeciedi l-kawza odjerna kif isegwi:

1. Tiddikjara l-ewwel eccezzjoni tal-intimat Avukat tal-Istat bhala sorvolata;

2. Tichad il-kumplament tal-eccezzjonijiet tal-intimati u dan sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz;

3. Tilqa' limitatament l-ewwel talba u tiddikjara u tiddeciedi illi minhabba c-cirkostanzi u fatti suesposti minhabba l-Ordni ta' Rekwizizzjoni 40058/78, kif wkoll minhabba d-disposizzjonijiet tal-Kap. 125 u 69 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Att X tal-2009 tezisti lezjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanciti fl-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea u li l-effetti ta' tali Ordni ta' Rekwizizzjoni ghadhom sa llum jinciedu fuq id-drittijiet patrimonjali, kostituzzjonali u konvenzjonali tar-rikorrenti, filwaqt li tichadha fir-rigward tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

4. Tilqa' limitatament it-tieni talba u tiddikjara u tiddeciedi illi l-lokazzjoni tal-fond 43, Triq il-Haddiema, Zurrieq, proprjeta tar-rikorrenti, a favur tal-intimat Michael Sacco (K.I. 0426737M) tilledi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanciti fl-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea u tghaddi sabiex taghti r-rimedji ndikati fil-paragrafi segwenti filwaqt li tichadha fil-kumplament;

5. Tilqa' t-tielet talba u tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimati Awtorita' tad-Djar u Avukat tal-Istat solidalment huma responsabbli ghal kumpens u danni sia pekunjarji u non-pekunjarji sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza tar-rekwizizzjoni u okkupazzjoni in kwistjoni li ma kkreatx bilanc gust bejn id-drittijiet tas-sidien rikorrenti u dawk ta' l-inkwilini, stante illi l-kera pagabbli lir-rikorrenti ma tirriflettix is-suq u lanqas il-valur lokatizju tal-proprjeta' in kwistjoni.

6. Tilqa' r-raba' talba u tillikwida l-istess kumpens u danni kif sofferti mir-rikorrenti, ai termini tal-Ligi fl-ammont kumplessiv ta' erbgha u hamsin elf tmien mija sitta u ghoxrin Ewro u tnejn u tmenin centezmu (€54,826.82);

7. Tilqa' l-hames talba u tikkundanna lill-intimati Awtorita' tad-Djar u Avukat tal-Istat solidalment ihallsu l-istess kumpens u danni hekk likwidati ai termini tal-Ligi, bl-imghax legali sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez interament a karigu tal-intimati Awtorita' tad-Djar u Avukat tal-Istat.

In vista li din il-Qorti sabet lezjoni tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti tordna notifika tad-decizjoni odjerna lill-Onorevoli Speaker tal-Parlament Malti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**

**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**30 ta' Jannar, 2024**

**Cora Catania**
**Deputat Registratur**
**30 ta' Jannar, 2024**